MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## PADOVANI JACQUELINE LL.D.

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Numru. 729/2000

PULIZIJA
SPETTUR HELGA DEBONO
VS
CATHERINE VELLA
MARY FRIGGIERI
JULIAN FRIGGIERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Catherine Vella ta’ 42 sena, bint Carmelo Degabriele u Rita nee Mangion imwielda Sliema fis-27 ta’ Settembru 1957 u residenti 8, Triq l-Ispizjar Sciberras Msida u detentur tal-karta tal-identita numru 651157M;
Mary Friggieri ta’ 51 sena, bint Emmanuel Sciberras u Carmen nee Galea, imwielda St Venera fit-8 ta’ Gunju 1948 u residenti 3, Flat 3, Granaries Square Floriana u detentur tal-karta tal-identita numru 490748M; u
Julian Friggieri ta’ 20 sena, iben Saviour u Mary nee Sciberras, imwieled Pieta fit-22 ta’ Settembru 1979 u

joqghod Flat 3, Pjazza Emmanuel Tonna, Floriana detentur tal-karta tal-identita numru 468779M talli f'dawn il-gzejer, fix-xahar ta' Marzu 2000 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi;

a. Ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentitku jew pubbliku, jew fi skrittura kummerjcali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella illi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta' Susan Friggieri fuq cekkijiet tal-APS Bank ta' Susan Friggieri u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-artikoli 183 u 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Iffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekkijiet tal-APS Bank fuq l-akkont ta' Susan Friggieri u persuni ohra, illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn uficcju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamlu uzu mill-istess karta imsemmija u dan bi ksur tal-Artikolu 167 u 169 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jewbilli inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm700 gha-detriment ta' APS Bank, Susan Friggieri, Saviour Briffa u persuni ohra u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310 (1)(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

d. Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li ikunu indahlu biex imexxuhom jew ibieghuhom bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

e. Ikkommettew serq ta' cekk book tal-APS Bank mahrug lil Susan Friggieri u dan ghad-detriment ta' APS Bank, Susan Friggieri u persuni ohra bi ksur tal-Artikolu 284 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Julian Farrrugia wahdu talli kiser il-provedimenti ta' Sect 9, kap 152 fuq sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-30 ta' April 1999.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-30 t'Ottubru 2002 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 284 u 28a tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tillibera lill-imputati Catherine Vella u Mary Friggieri b'kondizzjoni li jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax il-xahar u tikkundanna lill-imputat Julian Friggieri ghal tminn xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.